**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**26 ta' Settembru 2019**

**Rikors Numru 132/2018**

**Mohamed Jaylami Abdule**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Mohamed Jaylami Abdule** datat 21 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"1. Illi f'Settembru 2018, ir-rikorrent gie nnotifikat b'ittra datata 3 ta' Settembru 2018, fejn gie mgharraf illi ma ssodisfax il-kundizzjonijiet ta' reputazzjoni u kondotta tajba ghall-fini ta' regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur (Legislazzjoni Sussidjarja 65.11);*

*2. Illi l-esponenti ghamel rapprezentazzjonijiet bil-miktub fuq ir-rifjut tieghu pero' t-talba tieghu regghet giet irrifjutata, permezz ta' ittra datata 29 ta' Novembru 2018;*

*3. Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed jirreferi din il-pendenza quddiem dan it-Tribunal ai termini tal-Artikoli 62C(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11;*

*4. Illi l-esponenti kien instab hati tar-reat tal-pussess tad-droga kannabis ai termini tal-Artikoli 8(a) u (d) bl-aggravvju tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u skonta sentenza ta' disa' xhur prigunerija fit-23 ta' Dicembru, 2017;*

*5. Illi ghalhekk, ai termini tal-artikolu 6 flimkien mat-Tieni Skeda tal-Kap. 77 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-piena ma tibqax aktar registrata fuq ic-certifikat tal-kondotta wara sena minn mindu l-istess piena tigi skontata u cioe' mit-23 ta' Dicembru, 2018.*

*6. Illi inoltre, ir-rifjut daparti tal-Awtorita' intimata hi ngusta u dana stante li tammonta ghal piena addizzjonali ghal dik moghtija meta r-rikorrenti diga' skonta s-sentenza moghtija lilu. Fl-ahhar mill-ahhar, huwa ormai principju pacifiku fil-gurisprudenza*

*nostrana illi l-ghan ta' sentenzi effettivi ta' prigunerija mhuwiex illi bniedem jibqa' ghomru shih ittimbrat b'tali mod li jxekklu milli jerga' jinserixxi ruhu fis-socjeta' li jaghmel parti minnha izda li jitghallem minnha u jirriforma ruhu.*

*7. Illi barra minn hekk, l-esponenti gie rrifjutat milli jinghata permess ta' xufier wara li effettivament attenda kors tal-Customer Care, liema kors kien jintitolah ghat-tali permess. Hawnhekk ta' min jinnota illi l-Awtorita' intimata ma mxietx b'mod ekwu u gust meta halliet lir-rikorrenti jattendi kors, holqitlu aspettattivi legittimi illi hu kien ser jottjeni l-permess mehtieg u sussegwentament tirrifjuta l-hrug tal-istess permess a bazi ta' reat li r-rikorrent diga' hallas ghalih. Se mai, kien ikun aktar logiku kieku l-istess Awtorita' avzat lir-rikorrenti bil-konsegwenzi qabel ma attenda l-kors*

*8. Illi finalment l-esponenti jissottometti illi minn mindu hareg mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, qed ikun tabilhaqq difficli li jsib xoghol biex jitma' lilu nnifsu, lil martu u liz-zewg uliedu zghar. Ghalhekk huwa jehtieglu hafna li jikseb it-tag biex ikun jista' jibda jahdem bhala sewwieq tal-linja mill-impjieg jista' jzomm lill-familja tieghu.*

*9. Illi filfatt l-esponenti m'huwiex biedem ta' glied, anzi persuna verament pulita li jaf imur tajjeb hafna man-nies u dan jawgura tajjeb ghal impjieg bhal dak li ghalih huwa applika ghamel kors b'success.*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti qed jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex:*

*i. Ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' intimata, datata 29 ta' Novembru 2018 u*

*ii. Tordna lill-istess Awtorita' terga' tikkonsidra l-applikazzjoni tar-rikorrenti u tohrog il-permess relattiv skont il-ligi."*

Ra r-risposta tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta datata 15 ta' Jannar 2019 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi l-allegazzjonijiet, l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji hekk kif ser jigi muri fil-kors ta' dawn il-proceduri;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, id-decizjoni tal-Awtorita' intimata hija ragjonevoli, gusta u legali u, konsegwentement, ghandha tigi konfermata in toto u l-proceduri mressqa mir-rikorrent ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, kif afferma r-rikorrent stess fl-att promotur, huwa recentement applika ma' l-Awtorita' intimata ghat-tag tieghu bhala xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Tali process jesigi li l-Awtorita' intimata tosserva r-regolamenti li jinsabu fis-sehh meta ssir tali applikazzjoni, ossia osservanza u adempiment tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u dan a bazi tal-principju ta' tempus regit actum.*[1] *Illi fid-data ta' l-*

[1] Huwa sew maghruf, dottrinalment u gurisprudenzjalment, illi l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet, sew dawk *ex contractu* jew *ex lege*, "*si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono*

*applikazzjoni tar-rikorrent, ir-regolament 62D (1) (iii) kien jippreskrivi hekk: "Persuna ma tkunx meqjusa li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba: jekk hija tkun instabet hatja ta' xi reat kif jidher: ... fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b)(c), 15, 15A, 16, 18 u 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi." L-operat ta' l-Awtorita' intimata f'dan il-kaz kien li ssegwi din il-ligi. Ghalhekk, id-decizjoni taghha kienet, u ghadha, wahda gusta u lecita;*

4. *Illi b'estensjoni ghall-eccezzjoni precedenti, jigi sottolinejat illi hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jippratikhom irid ikollu kondotta tajba w li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jippratikhom jew, jekk ikun qed diga' jippratikhom, jista' fl-interess tas-socjeta' ma jithalliex ikompli jippratikhom billi jew titnehhilu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara, eccetera, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dik tar-rikorrent. Dan hu s-sens tar-regolament citat supra;*

5. *Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' lir-rikorrent u lil Brian Farrugia in rapprezentanza tal-Awtorita` intimata;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi l-esponent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Novembru 2018 ( a fol. 27) li permezz taghha gie nfurmat illi l-applikazzjoni tieghu ghal *tag* bhala xufier ta' vettura bil-mutur ghall-kiri kienet qieghda tigi rifjutata stante li ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai termini tar-Regolament 62D (1) (a) (iii) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11.

Fl-istess decizjoni ssir referenza wkoll ghal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju 2017 fejn ir-rikorrent instab hati li kellu fil-pussess tieghu id-droga *cannabis* liema droga nsabet f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu u li l-istess reat kien aggravat bil-fatt li wettqu f'distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh. Ghal dan ir-reat huwa gie kkundannat disa' xhur habs u multa ta' hames mitt ewro (€500).

---

*nate*" (**Filomena Borg et v. Antonio Borg et**, Appell Civili, 28 ta' Gunju,1907 riportata f'*Kollez*. Vol.XX-I-68). Ghalhekk, hu principju generali anke fl-ordinament taghna li, ghax *tempus regit actum*, id-dixxiplina ta' fatt hi assoggettata ghan-normattiva taz-zmien li fih dak l-istess fatt isehh. Tali principju jinsab ukoll fis-sentenzi **Ottavio Suda v. Direttur Generali tad-Divizjoni tal-Konsumatur et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru 2008) u **Leonard Cassar v. L-Awtorita' Ta' Malta Dwar L-Ambjent U L-Ippjanar** (Appell Inferjuri, 8 ta' Mejju, 2013).

Illi ghalhekk fis-sentenza citata hawn fuq ir-rikorrent instab hati tar-reat elenkat f'artikolu 8 (d) u 22 (2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijet ta' Malta.

Illi ai termini tal-artikolu 130A u 130B tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur):

*"130A. (1) Ebda persuna m'għandha ssuq vettura bil-mutur għall-kiri jekk dik il persuna ma jkollhiex tag ta' xufier maħruġa lilha mill-Awtorità skont dan ir-regolament.*
*(2) L-imsemmija tag tinħareġ biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li:*
*(a) għandu l-liċenza tas-sewqan adatta;*
*(b) għandu reputazzjoni u kondotta tajba;*
*(ċ) jattendi b'mod regolari kors ta' tagħlim approvat mill-Awtorità u jgħaddi mill-eżami fi tmiem l-imsemmi kors.*

*130B. Ir-regolament 62D għandu japplika sabiex jiġi determinat jekk persuna li tapplika għal tag ta' xufier għandiex reputazzjoni u kondotta tajba."*

Regolament 62 D (1) (a) (iii) jistipula illi:
"*62D(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*

*(a) Jekk hija tkun instabet hatja ta' reat kif jidher:*

*(iii) fl-artikoli 4, 5, 6 (a), 7, 8 (b) (c), 15, 15A, 16, 18 u 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi."*[2]

Illi f'artikolu 22 (2) (b) (i) tinsab il-piena ta' persuna li tkun gudikata sommarjament u li tkun, fost affarijiet ohra, instabet hatja ta' pussess tal-*cannabis* aggravat. Fil-kaz in kwistjoni, il-pussess kien aggravat kemm ghaliex ma kienx ghall-uzu esklussiv tar-rikorrent u kif ukoll ghaliex l-istess reat gie kommess f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

Ghalhekk huwa car illi r-reat ta' pussess aggravat jirrendi lill-persuna li tkun instabet hatja tieghu bhala persuna li ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Kwindi l-Awtorita` intimata ma kellha l-ebda diskrezzjoni fid-decizjoni taghha u kien obbligatorju fuqha li tichad l-applikazzjoni tar-rikorrent. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal decizjoni ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Kenneth Mamo vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** (30 ta' Mejju 2019)[3] fejn ir-rikorrent kien ukoll instab hati ta' reati taht l-Ordinana dwar il-Medicini Perikoluzi. F'dik is-sentenza gie deciz illi ghalkemm f'Regolament 62D (1) (a) (iii) issir referenza ghal artikolu 22, dan ma hux ostakolu ghal persuna biex tapplika ghal licenzja sakemm ir-reat jikkonsist biss fil-pussess tas-sustanza tal-*cannabis,* u dan stante li r-Regolament ma jsemmix specikatament l-artikolu (d) tal-imsemmija Ordinanza (pussess tal-pjanta tal-*cannabis).* Pero` l-kaz odjern mhuwiex identiku ghaliex hawnhekk ghandna pussess aggravat u mhux pussess semplici. L-aggravju tar-reat qieghed proprju elenkat f'artikolu 22 tal-Ordinanza u kwindi f'dan il-kaz l-istess artikolu ma giex applikat biss ai fini ta' piena izda wkoll biex jirrendi r-reat wiehed iktar gravi.

---

[2] Ir-Regolament 62 D gie ricentement emendat permezz tal-Avviz Legali 139 tal-2019. Madankollu s-Subregolament 62D (1) (a) (iii) ma tbiddilx ghajr li gie ri-enumerat bhala (iv)
[3] Appell pendenti

Illi fir-rigward tal-aggravju tar-rikorrent illi r-rifjut ta' l-Awtorita` jammonta ghal piena addizzjonali, dan it-Tribunal ma jaqbilx ma tali sottomissjoni. Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem illi r-rikorrent jixtieq isib impjieg, huwa mhuwiex jigi inibit milli jottjeni kwalunkwe tip ta' xoghol, izda biss xoghol partikolari bhal dak odjern. Illi ladarba l-ligi tiddetta hekk, jekk ir-rikorrent ihoss li tali ligi qieghda b'xi mod tiksirlu xi dritt fundamentali huwa ghandu r-rimedji kollha possibbli biex jattakka l-istess ligi. Pero` sakemm il-ligi tibqa' kif inhi, kemm l-Awtorita` intimata u kif ukoll dan it-Tribunal, ma jistghux jiddeciedu mod iehor.

Ghaldaqstant id-decizjoni appellata qieghda tigi konfermata.

Illi finalment dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-fatt li r-rikorrent ghamel kors ta' *customer care* u li ghalhekk, skont hu, l-Awtorita` intimata holqitlu aspettattiva legittima li kien se jinghata l-permess in kwisjtoni. Illi t-Tribunal ma jaqbilx illi l-Awtorita` intimata holqot xi aspettattiva legittima lir-rikorrent, pero` ikun ghaqli li forsi qabel wiehed jaghmel kors ta' *customer care* specifikatament biex jottjeni xi tip ta' licenzja li l-Awtorita` hija awtorizzata tohrog, isir *vetting* tas-sitwazzjoni tal-applikant biex jekk tara li eventwalment ikun xi ntopp ghall-hrug tal-permess dan jigi mgharraf bih.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrenti mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Novembru 2018 u esebita bhala Dokument BF2 a fol. 27 tal-process u konsegwentement jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**